MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 283/2011

**Juanafil Consultants Ltd
(C-14109)**

**vs**

**Unibuild Company Ltd
(C-19011)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta’ talba illi s-socjeta’ kummercjali Juanafil Consultants Ltd giet inkarigata mis-socjeta’ kummercjali Unibuild Company Ltd sabiex tiehu hsieb u tipprepara l-Accounts u sabiex tipprepara u tipprezenta l-formuli tat-Taxxi kemm dawk li ghandhom x’jaqsmu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u dawk li ghandhom x’jaqsmu mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-valur mizjud (VAT), kif ukol fost ohrajn sabiex tirranga biex l-Accounts jigu ‘Audited’.

Illi s-socjeta’ kummercjali Unibuild Company Ltd waqghet lura fil-pagamenti u ma hallsitx ghas-servizzi

moghtija u pagamenti mghamula fl-2009 hekk kif jidher mill-istatement annes mal-avvizz tat-talba u mmarkat bhala Dok JC1.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet lis-socjeta' Unibuild Co. Ltd. Mis-socjeta' Juanafil Consultants Ltd ghal pagament fosthom b'ittra ufficjali bin-numru 3369/10, annesa mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala Dok JC2, izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara s-socjeta' kummercjali konvenuta bhala debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn mitejn u tlettax-il Ewro u hdax-il centezmu (€2,213.11), flimkien mal-imghax legali bl-ghola rata permessa mil-Ligi u ma l-ispejjez legali inkluza dawk tal-ittra ufficjali Nru: 3369/10 u l-ispejjez ta' din il-procedura u spejjez gudizzjarji kollha relatati, u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas dan id-debitu.

Kontra s-socjeta' konvenut illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ihallas is-somma ta' elfejn mitejn u tlettax-il Ewro u hdax-il centezmu (€2,213.11), flimkien mal-imghax legali bl-ghola rata permessa mil-Ligi u ma l-ispejjez legali inkluza dawk tal-ittra ufficjali Nru: 3369/10 u l-ispejjez ta' din il-procedura u spejjez gudizzjarji kollha relatati, u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas dan id-debitu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------